# WIRJA FOTOGRAFIKA TFAKKAR L-ANNIVERSARJU TAL-PRESIDENZA MATUL OPEN WEEKEND FIL-PALAZZ TAL-GRAN MASTRU

Heritage Malta

**Stqarrija | 6 ta' April 2023**

Il-pubbliku se jkun jista' jżur il-Palazz tal-Gran Mastru nhar is-Sibt 15 u l-Ħadd 16 ta' April, matul open weekend organizzat minn Heritage Malta fl-okkażjoni tar-raba' anniversarju tal-Presidenza tal-Eċċellenza Tiegħu George Vella. Fil-fatt, minbarra l-attrazzjoni tal-palazz innifsu, f'dawk il-jumejn se tittella' wirja fotografika b'rabta ma' dan l-anniversarju.

Il-wirja, bit-titlu *Presidenza b'Differenza*, hija mibnija fuq frażi meħuda mid-diskors inawgurali tal-President George Vella fl-4 ta' April 2019: "Se nkun qed inwettaq Presidenza siekta, Presidenza imparzjali, li sservi ta' gwida morali għal pajjiżna u punt ta' għaqda nazzjonali." Il-wirja se tħares mill-qrib lejn il-ħidma tal-President George Vella u l-Uffiċċju tal-President mill-jum tal-ħatra sal-lum, filwaqt li tiċċelebra l-kisbiet, taqsam l-impenji, tfakkar il-magħruf, u tirrakkonta dak li seħħ wara l-kwinti.

Il-wirja, li se tittella' fl-Uccelliera – spazju li ġie skopert u restawrat matul il-proġett ta' restawr li għaddej bħalissa fil-Palazz tal-President – se tkun maqsuma f'erba' partijiet: Il-Presidenza u l-Isfidi; Il-Presidenza u l-Identità; Il-Presidenza tad-Djalogu; u Presidenza li Tisma'.

Il-pubbliku se jkun jista' jara wkoll fiex waslu x-xogħlijiet ta' restawr fil-Palazz tal-Gran Mastru, li issa qed jaslu lejn tmiemhom. Fit-totalità tiegħu, il-proġett tar-restawr hu stmat li se jiswa 'l fuq minn €30 miljun, li parti minnhom qed tiġi kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (madwar €10 miljun). L-ewwel fażi mistennija titlesta din is-sena, filwaqt li l-proġett kollu għandu jkun komplut sas-sena 2025.

Matul l-open weekend, minbarra l-Uccelliera, se jingħata aċċess għall-kurituri tal-Piano Nobile kif ukoll għal bosta mill-kmamar statali fejn qed isir xogħol estensiv ta' restawr. Dawn l-ispazji kienu jservu bħala l-appartamenti tas-sajf u tax-xitwa tal-Gran Mastri. Barra minn hekk, il-pubbliku se jkun jista' jżur spazji oħra fil-pjan terren, li jinkludu Casa Del Monte (li se sservi ta' ċentru għall-viżitaturi), u t-taraġ maestuż li jagħti għall-Armerija. Il-viżitaturi se jaraw ukoll il-progress li sar fir-restawr tal-ispazji li kienu jservu bħala stalel, fejn sa ftit xhur ilu kien hemm esposta l-kollezzjoni tal-Armerija.

Dawk li se jżuru l-palazz matul l-open weekend se jkunu jistgħu jduru waħedhom fil-passaġġi indikati jew inkella jingħaqdu ma' grupp f'għadd ta' tours gwidati. Se jsiru żewġ tours is-Sibt u tliet tours il-Ħadd. It-tours tas-Sibt se jkunu bl-Ingliż u jibdew fil-11:00 u fis-14:00. Il-Ħadd se jkun hemm tour bil-Malti fl-10:30 u żewġ tours bl-Ingliż fil-11:30 u fis-14:00. It-tours mhux se jkunu bbukkjati minn qabel iżda se jkunu disponibbli fuq bażi ta' min jasal l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Attrazzjoni oħra se tkun dik ta' atturi ta' In Guardia li se jkunu fil-palazz lebsin kostumi ta' żmien il-Gran Mastri u li l-viżitaturi se jkunu jistgħu jieħdu ritratti magħhom.

Id-dħul fil-Palazz tal-Gran Mastru matul dan l-open weekend se jkun bla ħlas iżda għotjiet b'risq il-Malta Community Chest Fund ikunu apprezzati. Il-ħinijiet tad-dħul se jkunu mill-10:00 sal-17:00, bl-aħħar dħul fl-16:00. Se jkun hemm ukoll pubblikazzjonijiet ta' Heritage Malta għall-bejgħ.